MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 333/2004

**HSBC Bank Malta P.l.c**

**vs**

**O.A Investments Ltd., Oliver AGIUS u martu Yvonne Agius u COLBOR Ltd.**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-6 ta’ Mejju, 2004, li bih il-Bank attur ippremetta;

Illi l-kumpannija konvenuta O.A Investments Limited hija debitriċi tal-bank attur fis-somma ta’ ħames mija u erbgħa u tletin elf u disgħa mija u disgħa u erbgħin Liri Maltin u disgħa u tmenin ċenteżmu (Lm534,949.89) dovuti lill-istess bank attur bħala bilanċ għal self mogħti lill-istess kumpannija konvenuta permezz ta’ “Loan Account” numru 027-022789-300 ġia numru 278013863 (Dok. A) oltre l-

imgħax fuq l-imsemmija somma mis-27 ta’ Jannar 2004 sad-data tal-pagament effettiv kif jidher minn “Statement of Account” (Dok. B);

Illi l-konvenuti Oliver Agius u martu Yvonne Agius, permezz ta’ “guarantee form” (Dok. C), u l-kumpannija konvenuta Colbor Limited, permezz ta’ “guarantee form” oħra (Dok. D), ikkostitwew ruħom garanti solidali mal-imsemmija kumpannija konvenuta debitriċi prinċipali O.A Investments Limited favur il-bank attur sal-ammont ta’ ħames mija u sebgħin elf Liri Maltin (Lm570,000) oltre l-imgħax u l-ispejjeż kif jirriżulta mill-imsemmija “guarantee forms”;

Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati għall-ħlas, baqgħu inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-bank attur huwa ċert, likwidu u eżiġibbli u, sa fejn jaf il-bank attur, il-konvenuti m’għandhomx eċċezzjonijiet x’jagħtu kontra t-talba tiegħu għall-ħlas ta’ dik is-somma kif jidher mid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa ma din iċ-ċitazzjoni u mill-affidavit tar-rappreżentant tal-bank attur, hawn anness Dok. X;

Għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi skond it-tieni talba tal-bank attur bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża kif dispost fl-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

2. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta O.A. Investments Limited, debitriċi prinċipali, u lill-konvenuti Oliver Agius u martu Yvonne Agius u l-kumpannija konvenuta l-oħra Colbor Limited, garanti solidali, solidalment bejniethom u mal-kumpannija konvenuta, iħallsu lill-istess bank attur is-somma ta’ ħames mija u erbgħa u tletin elf u disgħa mija u disgħa u erbgħin Liri Maltin u disgħa u tmenin ċenteżmu (Lm534,949.89) oltre

l-imgħax fuq l-imsemmija somma mis-27 ta' Jannar 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuta kif fuq intqal;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni preżentati kontestwalment, kontra l-konvenuti solidalment bejniethom li huma, jew fil-każ tal-kumpanniji konvenuti ir-rappreżentanti tagħhom, minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank attur, flimkien mal-erba' (4) dokumenti;

Rat id-Degriet tagħha tat-8 ta' Lulju, 2004, li bih tat lill-imħarrkin żmien biex jikkontestaw il-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fl-14 ta' Settembru, 2004, li biha eċċepew;

1. Illi l-pretenzjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma ferm ogħla minn dak verament dovut mis-soċjeta' konvenuta OA Investments Limited stante illi, kif sejjer jiġi ppruvat, is-somma kapitali li fuqha hija bbażata il-komputazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni kienet ġia mgħobbija b'imgħax li ġie akkumulat mhux skond il-Liġi u l-ġurisprudenza nostrana dwar komputazzjoni ta' imgħaxijiet;

2. Illi l-garanzija mogħtija mill-konjuġi Agius u s-soċjeta' Colbor Limited huma naxxenti minn skritturi indipendenti waħda mill-oħra u jikkostitwixxu garanzija solidali flimkien mas-soċjeta' OA Investments Limited. Għaldaqstant ma hemmx solidarjeta' bejn il-garanti konvenuti.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi bl-aġir tagħha fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta OA Investments Limited, meta din kellha negozju ta' proprjeta' li minnha seta' jitħallas il-bank attur somma ta' mija u tmenin elf Lira, ostakolat għal żmien sostanzjali bil-konklużjoni ta' dan in-negozju, b'konsegwenza li żdiedu inutilment l-imgħaxijiet fuq il-kont tas-soċjeta' konvenuta, liema imgħaxijiet żejda allura għandhom jonqsu mill-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota ta' Xiehda tal-imħarrkin;

Rat id-Degrieti tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2004, li bihom ordnat lill-imħarrkin bies iressqu Nota spjegattiva dwar l-ewwel eċċezzjoni sal-14 ta' Novembru, 2004; u biex iressqu x-xhieda tagħhom dwar it-tielet eċċezzjoni bil-mezz tal-affidavit sas-16 ta' Diċembru, 2004;

Rat li l-imħarrkin la wettqu l-ewwel u lanqas it-tieni ordni mogħtija lilhom u ma talbu l-ebda titwil taż-żmien;

Rat id-Degriet tagħha tal-lum li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, wara li semgħet id-dikjarazzjoni maħlufa min-naħa ta' rappreżentant tal-Bank attur li l-ebda ħlas ma sar minn naħa tal-imħarrkin minn dak inhar li tressaq l-Att taċ-Ċitazzjoni sal-lum;

Qieset li l-pretensjonijiet attriċi tidher li hija dokumentata kif imiss u li minnha l-eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrkin ma jidhrux mistħoqqa. U dan għaliex, għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, intwera li r-rata u l-metodu ta' mgħax pretiż mill-Bank attur la jikser id-dispożizzjoni ta' xi Liġi u wisq anqas intwera kif imur kontra xi prattika bankarja ċensurata minn xi qorti jew tribunal. Għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni, l-Qorti ma tistax taqbel magħha u dan għaliex, għalkemm il-kitbiet ta' garanzija fil-konfront tal-imħarrkin Oliver u Yvonne miżżewġin Agius u l-kumpannija Colbor Limited (Dok."C" u "D") huma separati, it-tnejn li huma saru b'riferenza għall-obbligazzjoni ewlenija li ntrabtet biha l-kumpannija mħarrka O.A Investments Ltd. u li hija l-mertu tal-azzjoni attriċi. Minbarra dan, fil-każ ta' garanti fil-każ ta' obbligazzjoni ta' xejra kummerċjali, l-istess preżunzjoni li tapplika fil-każ ta' kondebituri, trid ukoll li jkun hemm is-solidarjeta' bejnhom u d-debitur (art. 115(2) tal-Kap.13);

Illi, għar-rigward ta' dak allegat mill-imħarrkin fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, il-Qorti tirrileva biss li din kienet eċċezzjoni li titlob it-tressiq ta' provi tajba minn min

jallegaha. Lill-imħarrkin ingħatat l-usa’ opportunita’ li tressaq Nota u provi fir-rigward u madankollu naqset ripetutament li tieħu l-opportunita’;

Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet ma tista’ titqies mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba fid-dawl tad-degriet mogħti fit-8 ta’ Lulju, 2004;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrkin; u

Tilqa’ t-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u in solidum bejniethom li jħallsu lill-Bank attur is-somma ta’ ħames mija u erbgħa u tletin elf, disa’ mija u disgħa u erbgħin Lira Maltija u disgħa u tmenin ċenteżmi (Lm534,949.89) rappreżentanti l-bilanċ dovut fuq il-faċilita’ bankarja ta’ self mgħoddija lilhom mill-istess Bank attur, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma mis-27 ta’ Jannar, 2004, sal-jum tal-ħlas effettiv, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża kif mitluba.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------